MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 211/2008

**Steve Vassallo**
**(ID 412966 M) ghan-nom ta` J. Vassallo Antiques**

**Vs**

**Joseph Azzopardi**
**(ID 753355 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Marzu, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ tliet elef, erba` mija u erbgha u disghin Ewro (€3,494) rapprezentanti valur ta` pitturi mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u dana ghalkemm il-valur taghhom huwa fil-fatt in eccess tas-somma mitluba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta` Novembru, 2007 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, huwa baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm debitament imsejjah biex jidher ghas-seduta tal-25 ta` April, 2008 huwa naqas li jidher.

Ra li l-konvenut baqa` ma wegibx u anqas ma deher ghal mistoqsijiet impoggija lilu in subizzjoni la fis-seduta tal-25 ta` April, 2008 u anqas ghas-seduta ta` llum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess konvenut.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur is-somma mitluba ta` tliet elef, erba` mija u erbgha u disghin Euro (€3,494), bl-imghax legali dekorribbli kif rikjest mill-1 ta` Novembru, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------